

Brussell, 22 ta' April 2026  
(OR. en)

8482/26  
ADD 1

ENER 199  
ENV 402  
COMPET 475  
TRANS 244  
CONSOM 131  
IND 278  
ECOFIN 518  
FISC 144

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 370 annex
Suġġett:	ANNESS tal- KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI AccelerateEU - Unjoni tal-Enerġija Enerġija Affordabbli u Sigura permezz ta' Azzjoni Aċċellerata

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 370 annex.

---

Mehmuż: COM(2026) 370 annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 22.4.2026  
COM(2026) 370 final

ANNEX

ANNEX

*tal-*

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**AccelerateEU - Unjoni tal-Enerġija  
Enerġija Affordabbli u Sigura permezz ta' Azzjoni Aċċellerata**

## ANNEX I

### Eżempji ta' Prattiki nazzjonali tajbin adottati

<b>L-ixprunar tal-adozzjoni ta' teknoloġiji nodfa</b>
Is-sussidji fuq skala kbira għall-pompi tas-sħana, l-enerġija ġeotermali u solari, flimkien ma' "Fond għat-Tisħin" ta' EUR 500 miljun għall-industrija biex tikkonverti mill-fjuwils fossili għall-bijomassa, u għall-enerġija mir-riħ u solari. Titħeġġeġ l-adozzjoni tal-pompi tas-sħana f'bini ġdid sal-2027. Jiġu introdotti skemi ta' leasing soċjali għall-vetturi elettriċi.
Jitnaqqas il-VAT għal 6 % għall-pompi tas-sħana, għas-sistemi solari fotovoltajċi u għall-bojlers solari.
Jingħata sussidju sa 100 % lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli biex jissostitwixxu l-bojlers fossili.
L-obbligu għall-kumpaniji li jimplimentaw il-miżuri kollha tal-effiċjenza enerġetika li għandhom żmien tal-ħlas lura ta' inqas minn 5 snin. Skema ta' sussidju għall-vetturi kummerċjali b'emissjonijiet żero għall-kumpaniji.
Prezzijiet tal-elettriku aktar baxxi għall-pompi tas-sħana bi skambju għall-flessibbiltà tas-sistema.
Jiġu organizzati rkanti doppji u l-parteċipazzjoni fihom għall-produzzjoni tal-eSAF skont il-Koalizzjoni tal-Pijunieri tal-eSAF
Inċentivi fiskali jew finanzjarji oħra għall-flotot ta' vetturi elettriċi korporattivi
<b>Miżuri għas-settur tal-bini</b>
Jingħata sa 50 % sussidji u self b'imgħax żero (sa EUR 50 000) għar-rinnovazzjonijiet tal-bini, inkluż l-iżolament.
Pjan integrat li jikkombina miżuri ta' mgħiba, investimenti ta' rkupru rapidu tal-kost u rinnovazzjoni fuq terminu twil, li jimmira għal iffrankar tal-enerġija ta' 20 % fuq sentejn.
Kampanja ta' sensibilizzazzjoni biex it-temperaturi tat-tisħin jitnaqqsu b'1 °C u t-temperaturi tat-tkessiħ jiżiedu b'1 °C fil-bini pubbliki.
Ordinanzi għall-iffrankar tal-enerġija mmirati lejn is-settur pubbliku, in-negozji u l-unitajiet domestiċi b'regoli dwar it-tisħin, it-tidwil u l-użu tal-enerġija, biex jitnaqqas il-konsum tal-gass b'madwar 20 TWh fis-sena.
<b>Inċentivi għat-trasport pubbliku u għall-bidla modali</b>
Pass tat-trasport uniku nazzjonali, li jkopri l-ivvjaġġar bla limitu fuq il-karozzi tal-linja interreġjonali kollha operati mill-Istat, u servizzi magħżula. Servizzi tat-trasport li jirrispondu għad-domanda fiż-żoni rurali.
Iffriżar tal-prezzijiet tal-biljetti tal-ferrovija permezz ta' kumpens pubbliku.
Kampanja nazzjonali li tippromwovi l-iffrankar tal-enerġija, inklużi bidliet fl-imġiba relatati mat-trasport. Programm ta' finanzjament għar-roti tal-merkanzija. Abbonament uniku b'rata fissa fix-xahar validu għat-trasport pubbliku lokali u reġjonali kollu.
Pass annwali ssussidjat b'rata fissa li jħeġġeġ l-użu ta' kuljum tat-trasport pubbliku urban
Investimenti fl-infrastruttura taċ-ċikliżmu u skemi ta' kondiviżjoni mmirati lejn reġjuni b'livelli oġhla ta' faqar tat-trasport
Pjan nazzjonali tal-ċar-pooling
Benefiċċji tat-taxxa għall-akkwist/għas-sjieda ta' vetturi b'emissjonijiet żero applikabbli għall-karozzi tal-kumpaniji, inkluż tnaqqis jew eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-benefiċċji <i>in natura</i>
Inċentivi għax-xiri ta' vetturi elettriċi bil-batterija u l-appoġġ għall-installazzjoni ta' punti tal-irriċarġjar f'bini residenzjali jew bini tan-negozju
<b>Miżuri trażversali</b>
Jiġu żviluppati għodod diġitali għall-promozzjoni ta' konsum tal-elettriku flessibbli u ta' bidla fid-domanda.
Kampanja nazzjonali dwar l-imġiba "Grad wieħed inqas biex tiġi żgurata l-enerġija għall-unitajiet domestiċi kollha", li twassal biex 86 % taċ-ċittadini jadottaw miżuri għall-iffrankar tal-enerġija.

## ANNEX II

### Tipi ta' miżuri biex tingħata għajnuna immedjata

X'jistgħu jagħmlu l-Istati Membri biex jipproduċu impatt immedjat?	Kif/liema għodod għandhom jintużaw?
<b>Unitajiet domestiċi u bini</b>	
<b>1. Il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Jinħarġu vawċers tal-enerġija mmirati għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli.</li> <li>• Jitqiesu, jekk ikun meħtieġ, prezzijiet regolati temporanji mmirati għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli u foqra fl-enerġija (tariffi soċjali).</li> <li>• Jiġi introdott tnaqqis immirat sħiħ jew parzjali tad-dazji tas-sisa fuq l-elettriku għall-unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija u vulnerabbli.</li> </ul>
<b>2. L-użu effiċjenti tat-tisħin u tal-arja kundizzjonata</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Jiġu aġġustati s-settings prestabbiliti fuq il-bojlers tal-kondensazzjoni u s-sistemi ċentralizzati tal-arja kundizzjonata fil-bini pubbliku biex tiżdied l-effiċjenza u jitnaqqas l-użu tal-enerġija għat-tisħin, għat-tkessiħ u għat-tisħin tal-ilma.</li> <li>• Ikun meħtieġ li l-okkupanti ta' bini kummerċjali jaġġustaw is-settings prestabbiliti fuq il-bojlers tal-kondensazzjoni u s-sistemi ċentralizzati tal-arja kundizzjonata biex tiżdied l-effiċjenza.</li> <li>• Jiġi ttejjeg l-okkupanti ta' bini residenzjali privat biex iżommu t-temperaturi tal-bojlers tal-kondensazzjoni taħt il-50 grad.</li> </ul>
<b>3. Appoġġ għall-introduzzjoni rapida ta' teknoloġiji nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija fid-dar, inklużi l-effiċjenza enerġetika u t-tisħin tal-ilma</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Jiġu introdotti inċentivi fiskali mmirati u/jew appoġġ finanzjarju, inkluż il-leasing soċjali għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli, biex jiġu introdotti malajr teknoloġiji nodfa, effiċjenti u faċli biex jiġu installati, bħall-batteriji plug-in, il-pannelli fotovoltajċi, il-pompi tas-sħana u t-twieqi ta' prestazzjoni għolja.</li> <li>• Jintużaw tariffi soċjali ta' vitalità u għotjiet bonus biex jissostitwixxu malajr il-bojlers ibbażati fuq il-fjuwils fossili.</li> <li>• Jitneħħew l-ostakli legali għall-varar sikur ta' teknoloġiji plug-in "wara l-metru" biex jittaffew il-kostijiet tas-sistema u jittejjeg l-interoperabbiltà u l-flessibbiltà.</li> <li>• Jiġu introdotti inċentivi fiskali u/jew sussidji għall-konsumaturi biex l-apparati tat-tisjir ibbażati fuq il-gass, qodma jew ineffiċjenti jiġu sostitwiti b'apparati elettriċi.</li> </ul>
<b>4. Prevenzjoni tal-iskonnessjonijiet tal-enerġija</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Tiġi stabbilita projbizzjoni temporanja fuq l-iskonnessjonijiet tal-enerġija.</li> <li>• Tiġi appoġġata l-istabbiltà finanzjarja tal-fornituri permezz ta' ġestjoni tajba tar-riskju tal-fornituri u ta' skemi effettivi tal-fornitur tal-aħħar istanza.</li> <li>• Jiġi żgurat li l-fornituri tal-enerġija jipprovdu lill-klijenti b'pariri dwar l-"aħjar tariffi" bbażati fuq l-użu u jipprovdu "twissijiet bikrija" meta l-konsum jiżdied jew meta jinħolqu riskji ta' nuqqas ta' ħlas.</li> </ul>
<b>5. Permess ta' bdil u ta' flessibbiltà tad-domanda</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Jiġi żgurat li l-konsumaturi jkunu jistgħu jbiddu faċilment għal kuntratti orħos u jkunu jistgħu jaċċessaw għodod newtrali u trasparenti għat-tqabbil tal-prezzijiet biex jagħżlu l-aħjar tariffi u kuntratti.</li> <li>• Jitneħħew l-ostakli għall-kumpaniji li jippremjaw lill-klijenti talli jbiddu l-użu tal-elettriku tagħhom mill-ħinijiet l-aktar intensivi għal meta jkun orħos.</li> </ul>
<b>6. Promozzjoni tal-awtokonsum u tal-komunitajiet tal-enerġija</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Jiġu implimentati r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-awtokonsum u l-komunitajiet tal-enerġija fil-livell nazzjonali.</li> <li>• Jiġu appoġġati u permessi aktar l-awtokonsum u l-komunitajiet tal-enerġija billi jinħarġu inċentivi fiskali u/jew sussidji, inkluż billi jsir użu mill-garanziji u l-fondi tal-UE biex jiġu appoġġati l-komunitajiet tal-enerġija.</li> </ul>

7. <b>Sensibilizzazzjoni</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Jingħataw pariri mingħajr ħlas u ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija flimkien ma' rakkomandazzjonijiet dwar miżuri għall-iffrankar tal-enerġija.</li> <li>Jiġu appoġġati l-kampanji ta' informazzjoni biex il-pubbliku u l-SMEs jiġu mħeġġa jiffrankaw l-enerġija.</li> </ul>
<b>Industrija, negozji u SMEs</b>	
8. <b>Prattiki ta' finanzjament innovattivi u ESCOs</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Jiġu appoġġati l-iżvilupp u l-introduzzjoni rapida ta' skemi ta' finanzjament u ta' prodotti finanzjarji innovattivi li jappoġġaw l-adozzjoni rapida tal-enerġija rinnovabbli, il-ħżin, il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika u n-negozji tal-Kumpanija tas-Servizzi tal-Enerġija (ESCO).</li> </ul>
9. <b>Awditi tal-enerġija u tnaqqis fit-telfien tas-sħana</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Jiġu inċentivati l-awditi tal-enerġija u jiġu adottati r-rakkomandazzjonijiet kosteffettivi u li jħallu l-akbar impatt biex jiġi indirizzat it-telfien tas-sħana minn proċessi b'temperatura għolja.</li> <li>Jitħeġġu l-kumpaniji biex jimplimentaw il-miżuri identifikati mill-awditi tal-enerġija b'ċertu żmien tal-ħlas lura (eż. 3 snin).</li> <li>Jiġu pprovduti kontrolli fuq il-post u manutenzjoni tas-sistemi tat-tisħin termali biex jitnaqqas l-iskart.</li> </ul>
10. <b>Sostituzzjoni ta' muturi elettriċi ineffiċjenti u promozzjoni tal-bdil għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq il-post</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Jiġu introdotti inċentivi fiskali mmirati u/jew sussidji biex tiġi aċċellerata s-sostituzzjoni ta' sistemi ta' muturi elettriċi ineffiċjenti fl-industrija.</li> <li>Jiġu introdotti inċentivi fiskali u/jew sussidji biex tiġi aċċellerata s-sostituzzjoni ta' sistemi bbażati fuq il-fjuwils fossili b'sistemi bbażati fuq sorsi rinnovabbli aktar kosteffettivi.</li> </ul>
11. <b>Bdiewa</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Appoġġ kontinwu għall-produzzjoni tal-bijogass u tal-bijometan.</li> <li>Jitħeġġu installazzjonijiet tal-enerġija nadifa u effiċjenti fil-livell tal-azjendi agrikoli.</li> <li>Jiġi ffaċilitat l-użu ta' nutrijenti riċiklati.</li> </ul>
<b>Trasport</b>	
12. <b>Promozzjoni tat-trasport pubbliku u tal-ferroviji</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Jitnaqqas il-prezz tat-trasport pubbliku u/jew isir b'xejn għal ċerti kategoriji ta' persuni (eż. dawk l-aktar vulnerabbli).</li> <li>Jiġi promoss l-użu tal-ferroviji għall-ivvjaġġar fuq xogħol u għall-merkanzija.</li> </ul>
13. <b>Promozzjoni ta' alternattivi għat-trasport bil-karozza f'żoni urbani u periurbani</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Jiġi introdott appoġġ pubbliku għall-bike sharing u għal soluzzjonijiet oħra ta' mikromobbiltà u jiġu introdotti inċentivi (eż. sussidji jew fiskali) għax-xiri tar-roti.</li> <li>Tiġi żviluppata aktar l-infrastruttura taċ-ċikliżmu u tal-mixi u jiġu ffaċilitati r-roti fit-trasport pubbliku.</li> <li>Tiġi inċentivata l-konsenja tal-aħħar mil permezz ta' roti tal-merkanzija jew ta' vetturi elettriċi għal konsenji iżgħar</li> </ul>
14. <b>Promozzjoni tal-ċar-sharing</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Jinħolqu korsiji tat-traffiku ddedikati u postijiet ta' parkeġġ iddedikati għal vetturi b'okkupanza akbar.</li> </ul>
15. <b>Appoġġ tal-adozzjoni ta' karozzi, vannijiet, trakkijiet u karozzi tal-linja elettriċi u aktar effiċjenti</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Jiġi introdott, jitkompla u jiġi estiż l-appoġġ pubbliku għax-xiri ta' vetturi b'emissjonijiet żero, inkluż fil-flotot korporattivi.</li> <li>Jiġu eżentati mill-pedaġġi l-vetturi heavy-duty mingħajr emissjonijiet f'konformità mad-Direttiva dwar l-Eurovignette.</li> <li>Tiġi aċċellerata l-introduzzjoni ta' infrastruttura tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku b'mod partikolari għall-infrastruttura tal-irriċarġjar iddedikata għall-vetturi heavy-duty.</li> <li>Tiġi appoġġata l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-irriċarġjar privata billi jiġu pprovduti inċentivi fiskali jew sussidji mmirati.</li> <li>Jiġi żgurat li l-ħtiġijiet tal-konnessjoni mal-grilja tal-vetturi heavy-duty jiġu espressi b'mod ċar u f'waqtu mis-settur tal-mobbiltà, filwaqt li jiġu evitati</li> </ul>

	<p>projezzjonijiet tal-ħtiġijiet spekulattivi, lill-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku u lill-awtoritajiet pubbliċi, u dawn jiġu integrati fl-eżerċizzji ta' ppjanar u fl-ippjanar tal-iżvilupp tan-network rispettivi biex jiġu żgurati investimenti antiċipatorji fil-grilja u konnessjonijiet aktar rapidi mal-grilja. Tiġi żgurata t-trasparenza dwar il-kapaċità ta' hosting tal-grilja u l-ippjanar antiċipatorju tal-grilja fil-livell tad-DSO fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' investment mistennija biex is-settur tat-trasport jiġi elettrifikat u jiġu aċċellerati r-reġimi għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti rispettivi tal-infrastruttura tal-grilja u tal-irriċarġjar.</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Tiżdied l-adozzjoni tal-vetturi elettriċi fit-trasport pubbliku.</li> </ul>
<p><b>16. Promozzjoni ta' prattiki tas-sewqan u ta' tħaddim aktar effiċjenti tal-vetturi tal-merkanzija u tal-konsenji tal-merkanzija</b></p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Jiġu promossi bidliet fl-imgħiba, tiżdied is-sensibilizzazzjoni u jiġu offruti korsijiet ta' taħriġ dwar is-sewqan ekoloġiku.</li> <li>• Jiġi ffaċilitat l-użu tal-klawżoli tal-indiċjar tal-fjuwil fil-kuntratti tat-trasport bit-triq.</li> <li>• Tiġi żgurata tagħbija ottimizzata ta' vetturi heavy-duty permezz ta' ppjanar u ta' kondiviżjoni aħjar tad-data.</li> <li>• Jiġu ottimizzati soluzzjonijiet ta' twassil multimodali, inkluż b'soluzzjonijiet ta' emissjonijiet zero tal-aħħar mil u stazzjonijiet tal-ġbir.</li> <li>• Tiġi aċċellerata l-introduzzjoni ta' servizzi ta' sistemi tat-trasport intelliġenti.</li> </ul>
<p><b>Gass naturali</b></p>	
<p><b>17. Ottimizzazzjoni tal-impjanti tal-enerġija eżistenti biex tiġi żgurata kapaċità ta' ġenerazzjoni suffiċjenti, filwaqt li titnaqqas id-domanda għall-gass għall-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-gass</b></p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Tiġi ottimizzata d-disponibbiltà tal-impjanti tal-enerġija nukleari u idroelettrika, inkluż meta jkun possibbli u rakkomandabbli d-dewmien tal-manutenzjoni u l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' riżerva fil-każ ta' perjodi estiżi ta' nixfa.</li> <li>• Jiġi evitat l-irtirar prematur tal-assi tal-ġenerazzjoni, b'hal faċilitajiet nukleari eżistenti li jistgħu jkomplu jipprovdu elettriku affidabbli, b'kost baxx u b'emissjonijiet baxxi.</li> </ul>
<p><b>Sistema tal-enerġija trażversali</b></p>	
<p><b>18. Għoti ta' għajnuna u appoġġ għall-prezzijiet f'konformità mal-għan fuq terminu twil għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa</b></p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Jitfasslu tariffi tan-network favorevoli għas-sistema biex jitnaqqsu l-kostijiet tas-sistema u jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-sorsi rinnovabbli.</li> <li>• Jiġu introdotti prezzijiet bl-innut progressivi u jiġi żgurat li l-intervent fl-iffissar tal-prezzijiet bl-innut irawwem l-iffrankar u l-bdil mill-gass għall-elettriku, u jipprema l-flessibbiltà tar-rispons tad-domanda.</li> <li>• Jitneħħa t-trattament preferenzjali għall-fjuwils fossili.</li> <li>• Jiġu introdotti, fejn rilevanti, miżuri nazzjonali ta' appoġġ għall-prezzijiet għal unitajiet domestiċi u negozji vulnerabbli li huma mmirati, limitati fiż-żmien u li ma jżidux id-domanda.</li> <li>• Kampanji ta' informazzjoni mmirati għall-unitajiet domestiċi u għan-negozji ż-żgħar, pereżempju biex il-konsumaturi jiġu mħeġġa jnaqqsu t-temperaturi tat-tisħin u tal-bojlers, jevitaw l-użu tal-enerġija fil-ħinijiet l-aktar intensivi, jitfu d-dwal, jagħlqu l-bibien, isaħħnu inqas kmamar, jimblukkaw il-kurrenti tal-arja u jnaqqsu l-użu tal-enerġija fil-ħwienet.</li> </ul>